

Brussell, 31 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12622/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0200(NLE)

UD 154
COEST 477
WTO 98

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 341 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokomitat Doganali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva rigward il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tranżitorji tal-orijini

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 341 final.

Mehmuż: COM(2024) 341 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2024
COM(2024) 341 final

2024/0200 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Doganali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' “prodotti oriġinarji” u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva rigward il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tranżitorji tal-oriġini

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li temenda l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") għandu l-għan li jikseb l-integrazzjoni ekonomika gradwali tal-Georgia fis-Suq Intern tal-UE. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

2.2. Is-Sottokumitat Doganali

Is-Sottokumitat Doganali stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 74(1) tal-Ftehim, jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 4 tal-Protokoll I). Is-Sottokumitat Doganali jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn iż-żewġ Partijiet.

2.3. L-att previst tas-Sottokumitat Doganali

Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, is-Sottokumitat Doganali jrid jadotta Deċiżjoni rigward l-emenda tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("l-att previst").

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Matul l-ewwel laqgħa teknika dwar ir-Regoli tranżitorji tal-orijini li saret fi Brussell fil-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni")² qablu li jimplimentaw ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni ("ir-Regoli tranżitorji tal-orijini")³ b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, fuq bażi bilaterali tranżizzjonali, sakemm jiġu adottati r-regoli riveduti tal-Konvenzjoni.

Mill-1 ta' Settembru 2021 daħal fis-seħħ network ta' protokoll bilaterali dwar ir-regoli tal-orijini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni li jagħmel ir-Regoli tranżitorji applikabbli, inkluż bejn l-UE u l-Georgia.

L-objettiv tar-Regoli tranżitorji tal-orijini huwa li jiġu introdotti regoli aktar laxki sabiex tiġi ffaċilitata l-kwalifika tal-istatus oriġinarju preferenzjali għall-oġġetti. Peress li r-Regoli

¹ ĠU L 261, 30.8.2014, p.4.

² ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

³ ĠU L 381, 27.10.2021, p. 78–162.

tranżitorji tal-orġini huma b'mod ġenerali aktar laxki minn dawk tal-Konvenzjoni, l-oġġetti li jissodisfaw dawn tal-aħħar jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala li joriġinaw skont ir-Regoli tranżitorji tal-orġini, bl-eċċezzjoni ta' xi prodotti agrikoli kklassifikati fil-Kapitoli 2, 4 sa 15 u 16 (ħlief għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 17 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, għaliex ir-Regoli tranżitorji tal-orġini għal dawn il-prodotti huma differenti jew aktar riġidi minn dawk tal-Konvenzjoni.

Ir-Regoli tranżitorji tal-orġini huma applikabbli b'mod parallel mar-regoli tal-orġini tal-Konvenzjoni u b'hekk joħolqu żewġ żoni distintivi ta' akkumulazzjoni.

Ir-Regoli tranżitorji jipprevedu l-permeabbiltà bejn iż-żewġ settijiet ta' regoli tal-orġini, billi jagħmluha possibbli li tinħareġ prova retrospettiva tal-orġini abbażi ta' prova maħruġa skont ir-regoli tal-Konvenzjoni, bl-issodisfar tal-kundizzjoni li l-prodotti inkwistjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti taż-żewġ settijiet ta' regoli.

Id-dispożizzjoni attwali fir-Regoli tranżitorji dwar il-permeabbiltà bejn iż-żewġ settijiet ta' regoli tal-orġini (l-Artikolu 21(1), il-punt (d) tal-Appendiċi A tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-orġini) iġġenerat proċedura doganali kkumplikata li xxekkel lill-operaturi ekonomiċi milli jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi li japplikaw ir-Regoli tranżitorji b'mod parallel mal-Konvenzjoni.

Il-Partijiet qablu li japplikaw ir-Regoli tranżitorji minn qabel sabiex jadattaw il-flussi kummerċjali u l-prattiki doganali għad-dħul fis-seħħ li jmiss tal-emenda tal-Konvenzjoni (li fuqha huma bbażati r-Regoli tranżitorji). Għalhekk jixraq li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-permeabbiltà għall-bqija taż-żmien tal-applikazzjoni tar-Regoli tranżitorji sakemm tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, l-Artikolu 8 tal-Appendiċi A tal-Protokoll I jenħtieġ li jiġi emendat biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-permeabbiltà eżistenti bejn il-Konvenzjoni u r-Regoli tranżitorji tal-orġini.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fi ħdan is-Sottokomitat Doganali jenħtieġ li tiġi stabbilita mill-Kunsill.

L-emenda proposta hija ta' natura teknika u hija relatat mar-Regoli tranżitorji tal-orġini attwalment applikabbli bejn il-Partijiet u ma taffettwax is-sustanza tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-orġini. Għalhekk, ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*⁴.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Is-Sottokomitat Doganali huwa korp stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra.

L-att li s-Sottokomitat Doganali huwa mitlub jadotta huwa att b'effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew minn dawn il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Is-simplifikazzjoni dwar il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni u r-Regoli tranżitorji tal-orġini ma għandhiex impatt li jista' jitkejjel fuq il-baġit tal-UE peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jikkonċerna prinċipalment il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-konsolidazzjoni ta' Prattiki moderni tal-awtoritajiet doganali. Is-simplifikazzjoni għandha fil-mira l-oqsma li jibqgħu fil-kompetenza tal-awtoritajiet mingħajr ma jkollha impatt fuq is-sustanza tar-regoli li permezz tagħhom l-oġġetti jiksbu status oriġinarju preferenzjali u tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-prinċipju eżistenti tal-permeabbiltà.

6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi s-Sottokomitat Doganali se jemenda l-Protokoll I tal-Ftehim, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Doganali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva rigward il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tranżitorji tal-orijini

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/495/Euratom¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 74(3) tal-Ftehim, is-Sottokumitat Doganali jista' jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll I tal-Ftehim, is-Sottokumitat Doganali stabbilit bl-Artikolu 74(1) ta' dak il-Ftehim ("is-Sottokumitat Doganali") jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu, is-Sottokumitat Doganali jrid jadotta deċiżjoni li temenda l-Protokoll I tal-Ftehim.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali, peress li d-Deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Matul l-ewwel laqgħa teknika dwar ir-Regoli tranżitorji tal-orijini li saret fi Brussell nhar il-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji² ("il-Konvenzjoni") qablu li jimplimentaw ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni³ ("ir-Regoli

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 16 ta' Ġunju 2014 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (ĠU L 261, 30.8.2014, p.744).

² ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2198 tal-25 ta' Novembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali

tranżitorji tal-orġini⁴) b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, fuq bażi bilaterali tranżizzjonali, sakemm jiġu adottati r-regoli riveduti tal-Konvenzjoni.

- (6) L-applikazzjoni tar-Regoli tranżitorji tal-orġini tiżgura l-adattament tal-flussi kummerċjali u l-prattiki doganali sakemm jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni li huma bbażati fuqhom ir-Regoli tranżitorji tal-orġini.
- (7) Mill-1 ta' Settembru 2021, daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tranżitorji tal-orġini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni⁵, li jagħmel applikabbli r-Regoli tranżitorji⁶.
- (8) L-oġġettiv tar-Regoli tranżitorji tal-orġini huwa li jiġu introdotti regoli aktar laxki biex tiġi ffaċilitata l-kwalifika tal-istatus oriġinarju preferenzjali għall-oġġetti. Peress li r-Regoli tranżitorji tal-orġini huma b'mod ġenerali aktar laxki minn daww tal-Konvenzjoni, l-oġġetti li jissodisfaw ir-regoli tal-orġini tal-Konvenzjoni jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala li joriġinaw skont ir-Regoli tranżitorji tal-orġini, bl-eċċezzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli kklassifikati fil-Kapitoli 2, 4 sa 15 u 16 (ħlief għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 17 sa 24 tas-Sistema Armonizzata. Ir-Regoli tranżitorji tal-orġini huma applikabbli b'mod parallel mar-regoli tal-orġini tal-Konvenzjoni u b'hekk joħolqu żewġ żoni distintivi ta' akkumulazzjoni. Għalhekk, biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni u r-Regoli tranżitorji tal-orġini kif previst fl-Artikolu 21(1), il-punt (d) tal-Appendiċi A tal-Protokoll I tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 8 tal-Appendiċi A tal-Protokoll I tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

dwar ir-regoli tal-orġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni (OJ L 339, 30.12.2019, p. 1.)

⁴ ĠU L 381, 27.10.2021, p.78.

⁵ L-UE, l-Iżlanda, l-Iżvizzera (inkluż Liechtenstein), in-Norveġja, il-Gżejjer Faeroe, Iżrael, il-Ġordan, il-Palestina (din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni), l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Montenegro, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina

⁶ ĠU C, C/2024/1637, 20.2.2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President